MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 2/2015

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andrew Magri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Andrew Magri, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 426577(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fis-7 t'Awwissu 2014 u fix-xhur ta' qabel f'Ħal-Qormi u bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, impjega jew ta xogħol lil persuni li ma kinux persuni eżenti u li ma kellhomx liċenzja mogħtija lilhom għal dak l-impjieg jew xogħol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) taħt l-istess ċirkostanzi, bħala persuna responsabbli li kien qed isir ġewwa fond f'Ħal-Qormi u nħawi oħra f'Malta, impjiega persuni li ma kinux ċittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u uffiċjali;
(3) fl-istess ċirkostanzi bħala prinċipal jew persuna li timpjega persuni oħra, full time, part time jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b'dan l-impjieg kif hemm stabbilit fl-Avviż Legali 110 tas-sena 1993 (3[a] sa 10).

F'każ ta' ħtija fuq dawn l-akkużi, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tar-regolament numru 5 tar-Regolamenti dwar Standards Minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza llegali, Avviż Legali 432 tal-2011 (Liġi Sussidjarja 217.14 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jingħata dak il-ħaqq skond il-provvedimenti ta' dawn l-istess regolamenti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kap 217 kif ukoll ir-Regolamenti 3 sa 10 tal-A.L. 110/93, sabet lill-imsemmi Andrew Magri ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi u kkundannatu multa ta' seba' mitt euro (€700);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fil-5 ta' Jannar 2015, fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u

2. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali huwa li l-ewwel Qorti erogat piena li hija anqas mill-minimu stabbilit mill-liġi għar-reati li tagħhom instab ħati. Huwa jispjega l-aggravju tiegħu hekk:

> "Illi l-aggravju huwa car u manifest u dana stante li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellat multa ta' seba' mitt Ewro (€700) meta l-minimu stabbilit mil-ligi senjatament mir-regolament 7 tal-A.L. 110/93 huwa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u kwindi elf u mija u hamsa u sittin Ewro (€1,165);

> "Illi a skans ta' kull ekwivoku jigi mmedjatament rilevat illi fil-kaz de quo ma kienu jissussistu l-ebda ragunijiet specjali u straordinarji ghaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet tinzel taht il-minimum, ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt, effettivament lanqas ma hemm imsemmi fis-sentenza xi ragunijiet specjali u straordinarji ghaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet tinzel taht il-minimu, ai termini tal-istess artikolu".

**6.** Din il-Qorti eżaminat l-provvedimenti rilevanti tal-liġi. Fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, l-artikolu 32 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li min jimpjega jew jagħti xogħol lil xi persuna li ma tkunx persuna eżenti u li ma jkollhiex liċenza mogħtija lilha għal dak l-impieg jew xogħol jeħel piena ta' multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra. Ir-regolament 7 ta' l-Avviż Legali 110/93, b'referenza għat-tieni imputazzjoni, jipprovdi li min jimpjega persuna li ma tkunx ċittadin ta' Malta (persuna, mela, li mhijiex persuna eżenti skond il-Kap.217) u li ma jkollhiex permess tax-xogħol, jeħel piena ta' multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Hawn wieħed jista' jitkellem dwar l-istess fatt li jikser żewġ provvedimenti tal-liġi u li għalhekk huma assorbiti f'xulxin. Filwaqt li l-artikolu 32 tal-Kap. 217 jipprovdi għal x'għandhom ikunu l-pieni massimi (mingħajr ma jistabilixxi *minimum*, u għalhekk fil-każ tal-multa, il-*minimum* – skond l-artikolu 11(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta – huwa ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29)), ir-regolament 7 ta' l-Avviż Legali 110/93 jipprovdi għal multa minima ta' elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69). Issa, l-artikolu 32 tal-Kap. 217 jgħid illi l-pieni hemm stabbiliti huma applikabbli sakemm mhix stabbilita piena akbar b'liġi oħra. Għalhekk fil-każ odjern il-multa minima applikabbli hi dik indikata fl-imsemmi regolament 7. Konsegwentement l-Avukat Ġenerali għandu raġun u sejra tiġi applikata l-multa minima minnu ndikata. Inoltre din il-Qorti taqbel ukoll ma' l-Avukat Ġenerali illi ma jeżistux ċirkostanzi speċjali u straordinarji li minħabba fihom għandu jiġi applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Andrew Magri għall-ħlas ta' multa ta' seba' mitt euro (€700), u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------